MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 551/2006/1

**Charles u Maryanne konjugi Vella**

**vs**

**Mario Schembri**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' elf, mija, erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmi (€1164.69) gja` Lm500 rapprezentanti danni nkorsi mill-attur f'set brazzi ta' l-hgieg iffabbrikati f'Murano, Italja, liema brazzi kienu fdati fil-pussess tal-konvenut, liema danni gew inkorsi

esklussivament minhabba n-negligenza u t-traskuragni ta' l-istess konvenut.

Ra r-risposta ssollevata mill-konvenut fejn eccepixxa illi l-konvenut ma ghamel ebda hsara fis-sett brazzi tal-hgieg ta` l-attur. Il-konvenut ikkonsenja lill-persuna ndikata mill-atturi l-oggetti in kwistjoni fl-istess stat li kienu fih meta hu hadhom minghand l-atturi. Il-konvenut jichad li kien b'xi mod negligenti jew traskurat. Il-konvenut ma kkaguna ebda danni lill-attur. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti.

Sema` x-xhieda ta' Daniel Zammit, Jesmond Delicata, Clarissa Scerri, Mario Schembri, Charles Duca u ra l-affidavit u sema` x-xhieda ta` l-atturi u ta' Francis Gambin, Rita Gambin u Brian Gambin.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar danni subiti f'set brazzi, liema danni jammontaw ghal Lm500 ta' dak iz-zmien u cioe' €1164.69 ta` llum. L-atturi allegaw illi dawn id-danni saru meta l-brazzi in kwistjoni kienu fil-pussess tal-konvenut. Il-konvenut eccepixxa illi huwa ma kienx ikkaguna ebda danni fil-brazzi tal-hgieg. Illi huwa kien ikkonsenja l-brazzi lill-Pulizija fl-Ghassa ta' tas-Sliema kif gie ndikat mill-atturi u kien ikkonsenjahom fl-istess stat li kien ircevihom.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-atturi kienu xtraw sett brazzi tal-hgieg '*Murano*' minn Dubai wara btala fl-istess pajjiz. Irrizulta illi l-attur kellu lil ohtu li tghix Dubai u l-atturi kienu ghadu maghha. Irrizulta wkoll illi l-konvenut kien hbieb kemm ma` l-atturi kif ukoll ta' oht l-attur f'Dubai u gieli kien mar

Dubai ghal btala kif ukoll sabiex jixtri xi merkanzija li esporta lejn Malta. Mix-xhieda jirrizulta illi wara li nxtraw dawn il-brazzi l-atturi xtaqu jibghatuhom Malta u peress illi l-konvenut kellu '*container'* gej ghal Malta talbuh sabiex igorrhom fil-'*container*' tieghu. Inghad illi l-ippakkjar u t-trasport kien ha hsiebhom ir-ragel ta' hu l-attur li kien parti mix-xoghol tieghu f'Dubai. Huwa kien irranga ukoll ghall-assikurazzjoni tal-merkanzija kollha.

Illi f'Lulju ta` l-2004 dawn il-brazzi gew ippakkjati minn tal-hanut, gew trasportati d-dar ta' oht l-attur f'Dubai u sussegwentement dawn gew trasportati lejn Malta f' '*container'* li kellu l-konvenut bix-xoghol tieghu. Irrizulta illi meta dan il-'*container*' wasal Malta l-konvenut irrifjuta jrodd lura l-brazzi lill-atturi ghaliex qal illi huma kellhom jaghtuh il-flus ta' xi pariri ta' '*interior design'* fid-dar taghhom il-Mellieha u li huwa kellu jiehu ghall-in circa Lm1000 ta' dak iz-zmien ghal xogholu.

Illi nghad mix-xhieda prodotta mill-atturi illi meta l-konvenut kien mar Dubai kien jghix ma` l-atturi u huma kienu jduru bih bhala l-mistieden taghhom. Hut l-atturi kienu jikkunsidraw lill-konvenut bhala habib u huma hasbu illi r-relazzjoni ta' hbiberija kienet reciproka. L-atturi nnegaw illi l-konvenut kien ghamlilhom xi xoghol fuq rikjesta taghhom izda ma eskludewx illi bhala habib kien jaghtihom xi parir 'l hemm u 'l hawn ghad-dar taghhom, izda qatt ma kien hemm xi kwistjonijiet dwar flus bejniethom u ghalhekk kienu sorprizi hafna illi l-ewwel darba li semghu b'xi problemi ta' flus minn naha tieghu kien wara li l-brazzi kienu ntbaghtu Malta u kienu fil-pussess tal-konvenut.

Illi rrizulta illi dawn il-brazzi kienu wasslu Malta fi Frar ta` l-2005 u l-attur kien zammhom fil-pussess tieghu sa l-ahhar ta'April, 2005 meta wara li l-konvenut baqa' ma riedx irodd lura l-brazzi ta` l-atturi lilhom personalment u wara li ntalbet l-intervenzjoni tal-Pulizija, gie suggerit mill-Pulizija

illi jzommu l-brazzi u jghadduhom lill-atturi huma. Illi meta gew kkunsinjati dawn il-brazzi, l-Pulizija rat illi l-kaxex kienu ghadhom issigillati izda xorta wahda iddecidew li jifthu l-kaxex peress illi skond ix-xhieda tal-Pulizija riedu jaraw jekk fil-fatt dawn il-brazzi kienux ghadhom hemm. Il-Pulizija, konxji mill-fatti u mill-iskjambamenti ta' ittri bl-avukati dehrilhom illi kien bizzejjed illi jifthu l-kaxxa u jiccekjaw jekk il-kontenut kien ghadu l-istess u fil-fatt kienu iccekjaw parti zghira biss peress illi kienu sodisfatti illi l-kontenut kien brazzi. Il-Pulizija spakkjat bicca wahda minn kull kaxxa, ssodisfaw ruhhom illi fil-fatt kienu brazzi u ma riedux jkomplu jhottu l-kontenut ghax ma riedux illi jikkagunaw xi hsara minn naha taghhom. Illi l-Pulizija stqarret ukoll illi meta nfethu l-kaxxi ma kienx jidher ksur u ghalhekk ma komplux ihoddtu.

Illi mill-provi tal-konvenut jirrizulta illi l-atturi kellhom jaghtuh xi flus. It-Tribunal jirrilleva illi ma saret ebda kontra - talba ghall-ammont mitlub mill-konvenut u l-anqas qatt ma nhareg xi kont jew '*invoice*' tax-xogholijiet maghmula minnu. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-fatti kif gew prezentati quddiem dan it-Tribunal mill-konvenut, huwa ma pprovax illi kien hemm xi kont pendenti bejn il-partijiet.

It-Tribunal jifhem illi meta l-brazzi gew trasportati minn Dubai il-konsenja shiha li waslet Malta f'isem il-konvenut kienet inxurjata. Illi kieku kellu jirrizulta xi ksur fil-brazzi waqt it-trasport dan seta' jigi rimedjat billi jsir '*claim*' mas-socjeta' assikuratrici. Haga li ma setghetx issir peress illi l-kaxxa ma kienetx infethet mill-konvenut ma` l-wassla u lanqas ma kien radd lura l-kaxxi lill-atturi. Illi kieku l-brazzi nkissru waqt it-trasport lejn Malta l-brazzi kienu jkunu nxurjati. Izda l-fatt illi l-konvenut baqa' ma raddx lura oggetti mhux apparteneti lilu izda li gew depositati mieghu u li huwa nsista li jkompli bil-kustodja taghhom, tali agir rrendih aktar responsabbli ghal dak li kien gie depozitat mieghu

u kellu l-obbligu li jhares dawn l-oggetti u li jiehu hsiebhom bhal ma jiehu hsieb hwejgu stess. Illi l-konvenut kien jaf illi huwa kellu fil-pussess tieghu oggetti fragili li setghu facilment igarrbu hsarat izda kompla jassumi r-responsabbilita' taghhom anke wara li gie kkonfrontat mill-Pulizija u xorta wahda ma raddx lura il-brazzi lill-atturi izda minflok hallihom ma` l-Pulizija. Izda l-fatt illi l-Pulizija naqset minn li tiftah u ticcekja l-kontenut shih ma jinkombix kontra l-Pulizija u ma jitfa' ebda dell jew responsabilita' ghal brazzi fuq il-Pulizija kif ipprova jintqal mill-konvenut. Kien l-obbligu tal-konvenut illi jiehu hsieb l-oggetti li kienu fdati lilu bhal ma kieku kienu hwejgu stess u dan peress ili huwa kien il-bniedem imqabbad mill-atturi bhala depostarju tal-oggetti taghho. Illi l-konvenut bhala l-bniedem responsabbli ta` l-oggetti sakemm l-oggetti jinraddu lura minnu kellu l-obbligu li jinsisti ma` l-Pulizija illi l-kontenut jkun iccekjat kollu. Il-fatt illi dan ma sehhx ma jfissirx illi r-responsabbilita' ta` l-oggetti issa ghaddiet f'idejn il-Pulizija.

L-atturi kienu fdaw lill-konvneut bil-proprjeta' taghhom u fdawh sa` l-punt illi qatt ma bassru illi l-konvenut li sa ftit ilu kien habib taghhom u li kien ikun mistieden ghand hut l-atturi f'Dubai, li ma kienx ser jrodd lura dawn il-brazzi. Izda l-konvenut, arbitrarjament hass illi bil-fatt illi jzomm xi haga li m'hijiex tieghu huwa seta' jigi kkumpensat tax-xoghol li huwa allegatament qal li kien ghamel fuq struzzjonijiet ta` l-atturi.

Fil-fehma tat-Tribunal, l-konvenut kellu l-obbligu bhala l-bniedem li kien fdat bil-brazzi li jrodd lura l-brazzi minnufih lill-atturi u mhux ihalli erbatax-il xahar sakemm ma ghaddihom ma` terza persuna.

Il-fatt illi l-konvenut fic-cirkostanzi meqjusa necessarja mill-Pulizija, ikkonsenja l-brazzi lil Pulizija ma jista' qatt jezonerah mill-obbligu li kellu li jikkonsenja lill-atturi l-brazzi kif kien il-ftehim bejnu u bejn l-atturi.

Il-Pulizija ma kienetx id-depozitarja rikjesta mill-atturi. L-atturi kienu ilhom minn Frar ta` l-2005 jiktbu lill-konvenut sabiex jrodd lura l-brazzi u kien biss fis-26 ta’ April, 2006 ‘l fuq minn sena mil-wasla ta’ dawn il-brazzi f’Malta li l-konvenut kien hadhom ghand il-Pulizija u dan wara tlett ittri nterpellatorji lill-konvenut u tlett ittri mill-Avukat sabiex lill-Pulizija sabiex tiehu passi kontra l-konvenut.

It-Tribunal huwa fid-dover li jiddeciedi l-kawzi skond l-ekwita’ izda dejjem konformi ma` l-ligi. Illi din il-kawza hija bbazata fuq il-ligi tad-depozitu, fuq l-elementi tad-depozitu u fuq id-doveri tad-depozitarju.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi d-depozitarju ghandu jiehu hsieb l-oggetti fdati f’idejh bhal ma jiehu hsieb l-oggetti li jappartjenu lilu stess. Ghalkemm, depozitarju m’ghandux jwiegeb ghall-incidenti li fuqhom ma seta’ jkollu ebda kontroll, dan m’huwiex il-kaz quddiem dan it-Tribunal illum. Illi l-konvenut baqa’ erbatax-il xahar jitnikker biex irodd lura l-oggetti lill-atturi u sahansitra wara erbatax-il xahar huwa hallihom ma` terzi persuni u mhux ma` l-atturi. It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut bhala d-depozitarju wera li kien negligenti u kien sahansitra hadhom sa Ghawdex sabiex juzahom f’post li ghandu hemm, izda qal illi fuq parir li kellu fuq il-vapur ta’ Ghawdex huwa ddecieda li ma jiftahx il-kaxxi u li jehodhom lura Malta.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi d-danni ghal dawn il-hsarat setghu jigu evitati kieku l-konvenut radd lura l-oggetti depozitati mieghu lill-atturi, fil-mument li waslu Malta. Illi n-nuqqas tieghu kkontribwixxa ghal htija li qieghda tigi nkolpita lilu Illum. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut huwa responsabbli ghad-danni tal-hsarat li sehhew lil-brazzi depozitati mieghu mill-

atturi. Illi t-Tribunal irrilleva illi l-atturi qatt ma ndikaw lill-konvenut li kellu jikkonsenja l-brazzi lill-terzi kif gie eccepiet mill-konvenut. Illi minn dokumenti pprezentati fl-atti tal-kawza irrizulta illi l-atturi dejjem ippretendew illi l-brazzi jintraddu lura lilhom izda dan ma sehhx.

It-Tribunal, wara li sema` u evalwa l-provi migjuba quddiemu huwa konvint illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jimmeritawx li jigu akkolti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kif mitluba.

Spejjez tal-kawza ghall-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal qies fatti li ma rrizultawx mill-provi, ghamel apprezzament zbaljat ta' provi ohra, u skarta ohrajn accertati u hekk determinanti biex jezentawh mill-htija. Huwa jissottometti wkoll illi fil-mument li l-atturi hadu in konsenja l-kaxxi kontenenti brazzi tal-hgieg huwa ma kienx depozitarju;

Kontra dan l-appell l-atturi jissollevaw bi twegiba l-inammissibilita` tieghu ghal fatt li dan ma kienx jinkwadra ruhu fil-parametri ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380;

Fuq il-fatti rizultanti mill-atti processwali jinghad fil-qosor illi l-konvenut kien gie fdat lilu mill-atturi l-garr tal-merce fuq deskritta minn Dubai ghal Malta. Meta l-*container* wasal Malta l-konvenut irrifjuta li jaghmel il-konsenja ta' l-istess merce ghaliex ippretenda hlas ghal xi pariri ghall-"*interior design*" li hu kien ta lill-atturi. Il-merce nzammet mill-konvenut minn Frar 2005 sa l-ahhar ta' April 2006 u kien biss bl-intervent tal-Pulizija li hu ghadda ghall-konsenja taghha;

In bazi ghall-apprezzament tieghu tal-provi t-Tribunal hassu konvint illi ghad-danni rizultanti fil-brazzi ghandu

jwiegeb il-konvenut. Il-konvenut ma jaqbelx ma' dan u bl-appell tieghu jissottometti in kontestazzjoni illi, gjaladarba l-imballagg tal-merce ma sarx minnu u din kienet ghadha issiggillata meta hu ghaddiha lill-Pulizija, huwa ma kellux jinstab fi htija ghad-danni li rrizultaw. Dan, anke ghaliex, skond hu, meta hu ghamel dik il-konsenja tal-kaxxa lill-Pulizija ma baqax depozitarju u la l-Pulizija meta ezaminatha ma rriskontratx hsarat ghandu jfisser illi d-dannu avvera ruhu sussegwenti ghal dik il-konsenja;

Premessa din l-esposizzjoni tal-fatti sostanzjali u dik tal-kontenut essenzjali ta' l-aggravju sottomess b'impunjattiva ghas-sentenza tat-Tribunal, huwa kjarament ovvju mill-istess fehma dikjarata bl-aggravju illi skop ta' l-appell hu dak li din il-Qorti tirriezamina l-provi u taghmel il-gudizzju taghha fuq l-attendibilita` taghhom. Fi kliem iehor, l-invit lil din il-Qorti b'dak l-appell huwa dak tas-sindakabilita` tal-valutazzjoni tal-provi da parti tat-Tribunal ghaliex, skond l-appellanti, dik il-valutazzjoni kienet wahda errata tar-rizultanzi istruttorji;

Ghall-atturi appellati, l-appell b'dik ir-raguni ma kienx ammissibbli skond il-ligi billi ma jikkontjeni ebda aspett skond l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995 imma merament censura ta' l-apprezzament tal-fatti li taw lok ghall-kontroversja u ghat-talba taghhom ghad-danni. Din l-eccezzjoni hi wahda fondata;

L-appellabilita` tas-sentenzi tat-Tribunal *de qua* hi dik prospettata fl-Artikolu 8 (2) u (3) tal-Kapitolu 380. Ghall-kaz in ezami s-subinciz (3) ma jiccentrax ghaliex il-valur tat-talba ma jeccedix l-ammont ta' elf mija erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69). Il-kwestjoni ghalhekk kellha tibqa' wahda regolata skond id-dispost tas-subinciz (2) ta' Artikolu 8;

Jinzel minn dan is-subinciz (2) illi din il-Qorti ma tistax tikkonsidra u tiddeciedi appelli li jkunu bazati fuq aggravji li ma jinkwadrawx ruhhom f'xi wiehed mill-erba' ipotesijiet tassattivament espressi fih. Fejn allura l-appell ikun, bhal

f'dan il-kaz, bazat unikament fuq kritika ta' l-apprezzament ta' fatti s-sentenza ma hijiex impunjabbli bil-mezz ordinarju ta' l-appell ghax l-oggett ta' l-appell b'dik ir-raguni ma jikkonfigurax f'xi wahda minn dawk l-ipotesijiet. Fuq dan il-gurisprudenza prevalenti hi wahda konkordi. Ara b'ezemplari "**Gasan Insurance Agency Ltd -vs- The Cargo Handling Co Ltd**", Appell, 13 ta' Jannar, 1999 u "**Andrew Spiteri -vs- Anthony Camilleri**", Appell, 5 ta' April, 2006. Jikkonsegwi illi l-appell kif koncepit hu wiehed vizzjat u dan ma jistax hlief iwassal ghad-deklaratorja ta' l-inammissibilita` tieghu;

F'kull kaz, kieku kellu jigi konsiderat il-mertu, l-appellanti lanqas ma ghandu raguni fl-assunt tieghu, la mil-lat fattwali u lanqas in bazi ghall-principji tad-dritt. Meta hu accetta li jgorr dik il-merce hu assuma, b'obbligu, id-dmir li jikkostudiha u li jikkonsenjaha lit-titolari taghha. Dan l-obbligu kien jimponi fuqu, *qua* depozitarju taghha, li hu jiehu kura tal-haga affidata lilu u li jharisha sar-restituzzjoni effettiva taghha. Ma setax jippretendi li jzomm kontroll fiziku taghha bhala xi forma ta' garanzija ghat-tutela tal-kreditu pretiz minnu ghal pariri moghtija gratuwitament. Tali ma kienx jikkonfigura ghal dak il-jedd li jippreciza l-Artikolu 1997 tal-Kodici Civili. Ma jridx lanqas jintnesa, imbaghad, illi fid-depozitu, id-depozitarju ghandu biss id-detenzjoni tal-haga mentri l-pussess jibqa' fid-depozitant;

Meta dawn il-principji legali jigu applikati ghal fattispeci ma ghandux jkun difficli li jigi stabbilit illi l-appellanti naqas milli jhares u jrodd il-merce fid-detenzjoni tieghu u la naqas minn dan id-dover ma jistax jippretendi li jista' jezimi ruhu mir-responsabilita` ghal hsara li tali nuqqas gab lill-atturi depozitanti.

Ghal motivi kollha suesposti l-appell qed jigi michud anke ghaliex irritwali u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------